MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Numru. 1184/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Grech)**
**vs**
**Alexis Bondin**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alexis Bondin** ta' 22 sena, bint Vincent u Mikelina *nee'* Farrugia, mwielda Pieta' nhar l-14 t'April 1984 detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 201684M;

Talli fl-1 ta' Settembru, 2006 filghodu mill-fond numru 114, Triq Matty Grima, Bormla;

Kkommettejt serq ta' flus fl-ammont ta' Lm200 ghad-dannu ta' Carmelo Tabone minn Bormla u dan bi ksur tal-artikolu 261 (b) (c), 263 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kaz kontra taghha ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz, jistghu ikunu sintetizzati bil-mod segwenti. Carmelo Tabone kien ghamel rapport lill-pulizija illi madwar xahar qabel kien misruq minn gewwa daru bil-konsegwenza li kienu naqsulu l-ammont ta’ mitejn lira maltin (Lm200.00) ekwivalenti ghall Euro 465.87 u indika lill-imputata bhala l-persuna responsabbli ghal dan ir-rejat. Huwa ghamel ir-rapport daqshekk tard ghaliex peress illi min seraq dawn il-flus dahal fid-dar tal-kwerelant b’mod liberu minghajr ma sgassa l-bieb ta’ barra u ghalhekk is-suspett tieghu kien waqa’ fuq bintu li kellha c-cavetta tad-dar peress li ghalkemm ma toqghodx hemm kienet tmur izzuru u ddecieda li ma jaghmel xejn Il-girien tal-vittma li joqghodu bieb ‘l fuq minnu u li saru jafu bis-suspett tieghu f’bintu infurmawh li wara kollox ma kienitx it-tifla tieghu responsabbli ghal dan is-serq izda kienet l-imputata. Huma waslu ghal din il-konkluzzjoni wara li fiz-zmien in kwistjoni kienu innutawha tiela b’sellum mit-triq ghal gallarija tal-vittma fejn ftit wara telghet fuq il-bejt tal-istess dar u qasmet ghal-bejt tad-dar taghha minn fuq il-bejt ta’ dawn iz-zewg xhieda, koppja anzjani.

Jirrizulta illi c-cavetta tal-armarju fejn kienu jinsabu dawn il-flus kienet qegdha fil-kcina taht il-forn u ma kien hemm la sgass u anqas taqlib fil-fond. Dan huwa naturalment suggestiv tal-fatt illi min ippossessa ruhu minn dawn il-flus kien familjari hafna mal-fond. Bint il-kwerelant tghid illi ftit qabel kienet uriet il-fond lill-imputata izda l-Qorti qeghda mill-ewwel tiskarta din ic-cirkostanza ghaliex din l-istess xhud qatt ma qalet li uriet lill-imputata fejn missierha kien izomm mohbija l-flus tieghu mohbija u li c-cavetta kienet

tinsab taht il-forn. Di piu’ il-girien xhieda li fuqhom tippernja din il-kawza donnhom jindikaw li l-introduzzjoni tal-imputata fil-fond de quo ma kienitx wahda ta’ durata twila fejn allura kien ikun komprensibbli li f’dak it-trapass ta’ hin jsir tiftix ghal-mohba tac-cavetta u sussegwentement ghall-mohba tal-flus.

L-imputata tichad li hi kienet responsabbli ghal dan l-agir u targomenta illi fl-ewwel lok ma tlahhaqx mall-gallarija tal-kwerelant bis-sellum tant li meta l-kwerelant kien talab lil habib tieghu jitlalu mill-gallarija ghaliex kien nesa c-cwievet gewwa, dan kellu jaghmel hafna forza u spicca mibrux. Is-sellum kien qieghed fl-intrata tal-bieb komuni ghaliex l-kwerelant kien isselfu minghand l-gharus tal-imputata f’dik l-okkazzjoni fejn, izda, kien irrifjuta li jitla’ mill-gallarija tal-vittma biex jiftahlu l-bieb meta kien issakkar barra. L-imputata tghid ukoll li kien impossibli ghaliha li taccedi minn fuq il-bejt ghar-residenza tal-gharus taghha u ommu fejn kienet qed toqghod ghaliex biex taghmel hekk kien ikollha tiskala hajt ta’ kamra u di piu’ biex tevita dan il-hajt kien ikollha tixxabbat mat-tarf tal-bejt bil-periklu li taqa’ ‘l isfel fit-triq. Oltre dan, ma kienitx ser titla’ minn barra t-triq ghal gewwa fond ta’ haddiehor b’sellum fejn jista’ jaraha kullhadd.

Jirrizulta illi dawn iz-zewg xhieda ghandhom konnesjoni familjari mal-vittma u t-tifla tieghu u l-Qorti ma tixtieqx tghid li dawn mhux qed jghidu l-verita’ izda jista’ ma jkunux daqshekk certi mill-identita’ tal-persuna li jghid li raw tiela mit-triq ghal gewwa l-fond tal-kwerelant. Tazzarda din il-Qorti tistaqsi ghaliex dak il-hin stess ma cemplux b’mod anonimu lil pulizija biex jigu jinvestigaw minnufih dak li kien qed jigri.

Ikkunsidrat illi l-kaz in dizamina jiprospetta diversi konflitti fil-provi kif ukoll illi l-provi cirkostanzjali akkolti ma jimmeritawx li jkunu akkampati b’mod li jitfghu certu piz fil-keffa tal-provi kontra l-imputata.

Ghal dawn il-mottiv, l-Qorti ma ssibx lil-imputata hatja u qed tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------